**LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI – 2013**

Id-dsatax –il laqgħa annwali Ġenerali għas-sena 2013 inzammet fis-sala tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, nhar il-Ħamis, 10 ta' Jannar 2013 fis-18.30.

Preżenti:
Marcell Tabone Viċi Sindku, u l-membri Joseph Debrincat, Michel Buttigieg, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Segretarju Eżekuttiv.

Skużati: s-Sindku Dr. Samuel Azzopardi u Dr. Michael Portelli.

Talba:
Wara t-talba ġew l-approvati l-minuti tal-laqgħa tas-sena li għaddiet.

Rapport tas-Sindku:
Billi s-Sindku kien indispost, intwera filmat fejn hu qara rapport dettaljat ta' xogħlijiet li komplew u twettqu matul is-sena 2012.

Interventi mill-Pubbliku:

1. Tressaq ilment li fi Pjazza San Franġisk ma jkunx hemm gwardjani lokali. Inġibdet l-attenzjoni li f'din il-pjazza hemm is-cctv.

2. Ilment li tressaq kien jirrigwardja l-istat ħażin ta' Triq Vajringa. Dan minn meta ġie konċess li l-vetturi tqal jgħaddu anke' mill-ewwel parti ta' din it-triq u l-parti ta' fuq ta' Triq Repubblika ingħalqet għall-vetturi tqal.

3. Ilment ieħor jirrigwarja Triq Karita' u Pjazzetta Patri Akkusrju Xerri li huma toroq pedonali. Minnhom jagħaddu bosta vetturi u muturi li mhux suppost jidħlu. Ġie suġġerit li jinżebgħu il-kaxxi tal-parkeġġ u jkun hemm aktar il-presenza tal-gwardjani lokali.

4. Ilment simili għal dak ta' punt numru 3 jirrigwardja Triq Aġius De Soldanis. Din ukoll hi triq pedonali li fiha jidħlu diversi vetturi li mhux suppost jidħlu.

5. Tressaq suġġeriment biex teħel bozza ġdida fil-bidu ta' Triq Mons. Ġużeppi Farrugia n-naħħa t'isfel ta' Triq Palma. Dan peress li l-bożza *central hanging* li kien hemm fl-*area* tneħħiet u minflok tpoġġiet fi Triq Palma. Dan bil-konsegwenza li fil-bidu ta' Triq Mons. Ġużeppi Farruġia m'hemmx dawl biżżejjed.

6. Dwar l-*area* tat-toroq Dun Karl Bondi, Aġius De Soldanis, Palma u Mons. Ġużeppi Farruġia, reġa' tressaq ilmenti li s-sorveljanza tal-Pulizija bil-lejl waqt il-*weekends* m'għadiex kif kienet qabel.

Wara din id-diskussjoni, l-Viċi Sindku għarraf lill-pubbliku li dawn is-suġġerimenti jiġu diskussi fl-laqgħa tal-Kunsill sabiex tittieħed azzjoni. Hu rringrazzja lil kull min ħa nteress jattendi u jagħti l-opinjoni tiegħu waqt din l-laqgħa li ntemmet fid-21.00.

Av Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Ezekuttiv